MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 47/2022

It-Tnejn, 21 ta' Marzu 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex fil-5.05 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

47.1.1 Is-Sindku nfurmat lill-membri preżenti li l-Kunsillier, is-Sur Nicky Saliba nforma lill-Kunsill li ma setgħax jattenda għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija u ġie skużat.

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

47.2.1 Billi l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 45/2022-8 u 46/2022-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

47.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

47.2.3 Is-Sur Daniel Cordina talab għal korrezzjonijiet tal-Minuti tal-Laqgħa Nru. 45/2022-8 u dan minħabba nuqqas fil-minuti li ma tniżżilx dak li ġie diskuss dwar parti minn Triq il-Ponta. Għalhekk talab sabiex din tiġi mniżżla u talab sabiex jiġi mwieġeb rigward x'inhi t-triq 'il quddiem. Is-Sindku wieġbet li dik il-materja qiegħda mniżla f'punt nru 45.7.22 u ġibdet l-attenzjoni tiegħu illi t-tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera jsiru f'*item* 47.5 skont l-Aġenda. Is-Sindku kompliet tinfurmah illi bħalissa qegħdin fil-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti u għalhekk għandu jressaq il-korrezzjonijiet għal dawn il-minuti. Għaldaqstant, is-Sur Cordina talab għall-sospensjoni għall-*item* tal-Aġenda Nru. 47.5 li hi Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri sabiex jiġi mwieġeb rigward parti minn Triq il-Ponta. Is-Sindku ma tatx l-approvazzjoni tagħha f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, is-Sur Cordina ddikjara li se jagħmel il-punti tiegħu u jieqaf hemm: (1) la m'għandux l-istima ; (2) la m'għandux id-data meta se jibda u jitlesta x-xogħol; (3) la darba ma sabx koperazzjoni sħiħa fuq din l-issue hu se jastjeni mill-kamra u jitilqu mill-kamra u għalhekk il-Kunsill jiġi bla *quorum.* Fl-aħħarnett talab li jitniżżlu fil-minuti li xebgħa li nippruvaw nidħqu bil-poplu u nkarkru u ma naqdux lil poplu. Huwa telaq mill-kamra fil-5.15 ta' filgħaxija. Is-Sur Baskal Saliba qal li jiddispjacih għal dan u hu ukoll ser jastjeni mill-kamra peress li mhux lest li titkompla l-laqgħa mingħajr ma jkun hemm il-kollega

tiegħu s-Sur Daniel Cordina. Għalhekk is-Sur Baskal Saliba telaq mill-kamra fil-5.18 ta' filgħaxija.

Is-Sindku, Dott Marlene Cini ssospendiet il-laqgħa minħabba nuqqas ta' *quorum* fil-5.20 ta' filgħaxija.

Dott Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv